KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 9.11.2005
KUMM(2005) 557 finali

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Prinċipji, Prijoritajiet u Kundizzjonijiet li jinsabu fis-Sħubija Ewropea ma' l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

(preżentata mill-Kummissjoni)

{SEG(2005) 1425}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

F'Tessaloniki, il-Kunsill Ewropew tad-19 u l-20 ta' Ġunju 2003 tenna d-determinazzjoni tiegħu li jappoġġja l-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi Balkani tal-Punent b'mod sħiħ u effettiv. Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 dwar il-Balkani tal-Punent inkluż l-anness "L-Aġenda ta' Tessaloniki għall-Balkani tal-Punent: il-mixja lejn integrazzjoni Ewropea", li introduċa s-Sħubijiet Ewropej bħala mezz sabiex tkun realizzata l-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi Balkani tal-Punent.

Kmieni fl-2004, il-Kummissjoni ppreżentat l-ewwel Sħubija tagħha ma' l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja. Din ġiet adottata mill-Kunsill fl-14 ta' Ġunju 2004. Il-Kummissjoni tqis xieraq li taġġorna din l-ewwel sħubija fuq il-bażi tas-sejbiet tagħha fl-Opinjoni dwar l-applikazzjoni ta' l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għal sħubija fl-Unjoni Ewropea.

Din is-Sħubija Ewropea mġedda hi bbażata fuq id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 533/2004 tat-22 ta' Marzu 2004. Dan jelenka l-prijoritajiet fit-terminu qasir u medju għat-tħejjijiet tal-pajjiż għal aktar integrazzjoni ma' l-Unjoni Ewropea. Il-pajjiż hu mistenni jwieġeb għas-Sħubija Ewropea billi jħejji pjan bi skeda u b'miżuri speċifiċi sabiex jindirizza l-prijoritajiet tas-Sħubija Ewropea. Il-progress li jsir fl-implimentazzjoni tal-prijoritajiet ikun sorveljat regolarment mill-Kummissjoni, permezz ta' Rapporti ta' Progress u permezz ta' strutturi mwaqqfa permezz tal-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

Il-prijoritajiet tas-Sħubija Ewropea għandhom jiffurmaw il-bażi ta' l-assistenza finanzjarja tal-Komunità, li tibqa' tkun provduta permezz ta' l-istrumenti finanzjarji relevanti, partikolarment ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2666/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 (CARDS).

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill sabiex jadotta l-abbozz mehmuż tad-deċiżjoni tal-Kunsill.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Prinċipji, Prijoritajiet u Kundizzjonijiet li jinsabu fis-Sħubija Ewropea ma' l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 533/2004 dwar *Partnerships* Ewropej fil-qafas tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċazzjoni u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tiegħu[1],

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Kunsill Ewropew appoġġja l-introduzzjoni tas-Sħubijiet Ewropej bħala mezz sabiex tkun realizzata l-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi Balkani tal-Punent fil-qafas tal-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru. 533/2004 jistabbilixxi fl-Artikolu 2 li l-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kundizzjonijiet li għandhom jiddaħħlu fis-Sħubijiet Ewropej, kif ukoll dwar tibdiliet sussegwenti.

(3) Fl-14 ta' Ġunju 2004 il-Kunsill adotta l-ewwel Sħubija Ewropea ma' l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja[2] Hu xieraq li din is-Sħubija tkun aġġornata sabiex ikunu identifikati prijoritajiet ġodda għal aktar xogħol fuq il-bażi tas-sejbiet ta' l-Opinjoni dwar l-applikazzjoni mill-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għal sħubija sħiħa ma' l-Unjoni Ewropea.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 533/2004 indika li s-segwitu tas-Sħubijiet Ewropej se jkun żgurat fil-qafas tal-mekkaniżmi stabbiliti taħt il-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

(5) Sabiex tħejji għal aktar integrazzjoni ma' l-Unjoni Ewropea, l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Meċedonja għandha tiżviluppa pjan bi skeda u miżuri speċifiċi sabiex tindirizza l-prijoritajiet ta' din is-Sħubija Ewropea.

---

1 ĠU L 86, 24.3.2004, p. 1.

2 Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/518/KE ta' l-14 ta' Ġunju 2004 dwar il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kundizzjonijiet li jinsabu fis-Sħubija Ewropea ma' l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (ĠU L 222, 23.6.2004, p. 20).

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Skond l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (EC) Nru 533/2004, il-prinċipji, il-prijoritajiet u l-kundizzjonijiet fis-Sħubija Ewropea ma' l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja huma stabbiliti fl-anness hawnhekk, li jagħmel parti sħiħa minn din id-Deċiżjoni.

L-Artikolu 2

L-implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea se tkun sorveljata permezz tal-mekkaniżmi stabbiliti bil-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, l-aktar ir-rapporti annwali ppreżentati mill-Kummissjoni.

L-Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum ta' wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, [...]

F'isem il-Kunsill
Il-President

ANNESS

L-EX-REPUBBLIKA JUGOSLAVA TAL-MAĊEDONJA
SĦUBIJA EWROPEA 2005

1. DAĦLA

Il-Kunsill Ewropew appoġġja l-introduzzjoni tas-Sħubijiet Ewropej bħala mezz sabiex tkun realizzata l-perspettiva Ewropea tal-pajjiżi Balkani tal-Punent fil-qafas tal-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

L-ewwel Sħubija ma' l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ġiet addottata mill-Kunsill nhar l-14 ta' Ġunju 2004. Il-Kummissjoni tqis xieraq li taġġorna din l-ewwel sħubija fuq il-bażi tas-sejbiet tagħha fl-Opinjoni dwar l-applikazzjoni ta' l-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għal sħubija fl-Unjoni Ewropea. It-tieni Sħubija Ewropea tidentifika prijoritajiet ta' azzjoni ġodda.

Il-prijoritajiet il-ġodda huma adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi u l-istadju ta' tħejjija tal-pajjiż, u jkunu aġġornati skond il-bżonn. Is-Sħubija Ewropea tipprovdi wkoll gwida u assistenza finanzjarja lill-pajjiż.

L-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja hi mistennija li tadotta pjan li jinkludi skeda u miżuri speċifiċi sabiex tindirizza l-prijoritajiet tas-Sħubija Ewropea.

2. PRINĊIPJI

Il-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni jibqa' l-qafas għall-mixja Ewropea tal-Balkani tal-Punent, sa l-adeżjoni futura tagħhom.

Il-prijoritajiet ewlenin identifikati għall-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja huma marbuta mal-kapaċità tagħha li tilħaq il-kriterji definiti mill-Kunsill Ewropew ta' Copenhagen ta' l-1993 u l-kundizzjonijiet stabbiliti għall-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, notevolment il-kundizzjonijiet definiti mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu tad-29 ta' April 1997 u l-21 u t-22 ta' Ġunju ta' l-1999, il-kontenut tad-dikjarazzjoni finali tas-Summit ta' Żagreb ta' l-24 ta' Novembru 2000 u l-Aġenda ta' Tessaloniki.

3. PRIJORITAJIET

Il-prijoritajiet elenkati f'din is-Sħubija Ewropea ntgħażlu fuq il-bażi li hu realistiku li wieħed jistenna li l-pajjiż ikun jista' jwettaqhom jew imexxihom 'il quddiem sew fis-snin li ġejjin. Issir distinzjoni bejn prijoritajiet fuq medda qasira ta' żmien, li huma mistennija jitwettqu fi żmien sena sa sentejn, u prijoritajiet fit-terminu medju, li huma mistennija jitwettqu fi żmien tlieta sa erba' snin. Il-prijoritajiet jirrigwardaw kemm il-leġiżlazzjoni kif ukoll l-implimentazzjoni tagħha.

Meqjusa l-ispejjeż sostanzjali meħtieġa għall-implimentazzjoni u l-infurzar ta' l-*acquis* kif ukoll il-kumplessità tal-ħtiġijiet ta' l-UE f'ċerti oqsma, din is-Sħubija ma tinkludix il-ħidmiet importanti kollha f'dan l-istadju. Sħubijiet futuri jkunu jinkludu aktar prijoritajiet skond il-progress li jkun għamel il-pajjiż.

Fost il-prijoritajiet fuq medda qasira ta' żmien, il-prijoritajiet ewlenin ġew identifikati u miġbura flimkien fil-bidu ta' sezzjoni 3.1. L-ordni ta' dawn il-prijoritajiet ewlenin ma timplika l-ebda ordni ta' prijorità fl-importanza tagħhom.

3.1. Prijoritajiet fit-terminu qasir

Prijoritajiet Ewlenin

– Timplimenta r-rakkomandazzjonijiet li jirrigwardaw il-proċess elettorali magħmul mill-OSCE-ODIHR fil-ħin biżżejjed għall-elezzjonijiet li jmiss.

– Tadotta l-Liġi dwar il-Pulizija.

– Tadotta l-emendi kostituzzjonali meħtieġa sabiex tiġi implimentata r-riforma tas-sistema ġudizzjarja, skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja. Sussegwentement tadotta u timplimenta l-miżuri meħtieġa sabiex issaħħaħ l-indipendenza tal-ġudikanti (notevolment billi tirriforma l-Kunsill Ġudizzjarju u s-sistema ta' elezzjoni tagħhom), issaħħaħ is-sistema ta' taħriġ għall-ġudikanti u l-prosekuturi, ittejjeb it-tmexxija ta' l-ammont ta' każi, u tnaqqas l-għadd ta' impenji pendenti.

– Tissimplifika r-reġistrazzjoni tal-kumpaniji u l-proċeduri ta' liċenzja, *inter alia* billi timplimenta s-sistema ta' "one-stop-shop" għar-reġistrazzjoni tal-kumpaniji.

– Tiżgura implimentazzjoni xierqa ta' l-impenji meħuda fil-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, partikolarment fl-oqsma tal-komunikazzjoni elettronika u tad-dwana.

Kriterji Politiċi

ID-DEMOKRAZIJA U L-ISTAT TAD-DRITT

– Tikkonsolida l-istat tad-dritt fit-territorju kollu, partikolarment permezz ta' l-implimentazzjoni f'ħinha tar-riformi fl-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi.

Elezzjonijiet

– Tindirizza n-nuqqasijiet identifikati fil-proċess elettorali u tiżgura proċess ħieles u ġust fl-elezzjonijiet parlamentari li jmiss.

– Tieħu azzjoni kontra frodi u irregolaritajiet.

Amministrazzjoni pubblika

– Timplimenta bis-sħiħ il-Liġi dwar l-Impjegati taċ-Ċivil. Tiddepolitiċizza t-taħriġ u l-avvanz fil-karriera ta' impjegati taċ-ċivil u aġenti pubbliċi oħra u tintroduċi sistema ta' karriera bbażata fuq il-mertu.

– Ittejjeb it-trasparenza amministrattiva.

– Tadotta u timplimenta liġi dwar l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni.

– Tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-Kodiċi ta' Etika għall-Impjegati taċ-Ċivil.

– Tiżgura l-kooperazzjoni xierqa tal-korpi Statali kollha ma' l-Ombudsman u ttejjeb is-segwitu ddedikat għar-rakkomandazzjonijiet tiegħu.

– Tistabbilixxi amministrazzjonijiet lokali trasparenti u responsabbli u tiżviluppa kontrollli interni u verifiki fit-tmexxija ta' fondi deċentralizzati.

Is-Sistema Ġudizzjarja

– Tiżgura l-implimentazzjoni f'ħinha tal-Pjan ta' Strateġija u Azzjoni dwar ir-Riforma Ġudizzjarja bil-ħsieb li ssaħħaħ l-indipendenza tagħha, ittejjeb l-effiċjenza tal-qrati, u ssaħħaħ il-kapaċità ġenerali tas-sistema ġudizzjarja.

– Ittejjeb l-eżekuzzjoni ta' kawżi ċivili, u tistabbilixxi sistema effiċjenti ta' notifika u taħrik.

Politika kontra l-korruzzjoni

– Timplimenta bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Stati kontra l-Korruzzjoni (GRECO).

– Ittejjeb it-trasparenza fid-deċiżjonijiet pubbliċi u fit-tmexxija ta' assi statali (li jinkludu art ta' l-istat, konċessjonijiet u appalti pubbliċi).

– Timplimenta r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni Statali għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni u ttejjeb aktar il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi.

– Tirrevedi d-drittijiet ta' diskrezzjoni ta' ċerti uffiċjali pubbliċi u tadotta regoli ċari marbuta mal-kunflitt ta' interess.

– Tiżgura l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni adottata dwar l-iffinanzjar ta' partiti politiċi u dwar il-kontroll fuq l-assi ta' l-uffiċjali u timponi sanzjonijiet effettivi f'każ ta' ksur tar-regoli.

– Tidentifika d-daqs tal-fenomenu tal-korruzzjoni f'oqsma ewlenin tal-ħajja pubblika sabiex ikunu jistgħu jiġu stabbiliti miżuri ta' prevenzjoni u ta' ditezzjoni.

– Ittejjeb il-kapaċità ta' investigaturi tal-pulizija u prosekuturi sabiex jittrattaw każijiet ta' korruzzjoni. Tiżgura koordinazzjoni adegwata bejn il-Kummissjoni Statali għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni u l-Prosekutur Statali.

Il-Ftehim Qafas ta' Ohrid

– Tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-qafas leġiżlattiv adottat skond il-Ftehim Qafas.

– Tlesti l-qafas leġiżlattiv neċessarju sabiex timplimenta l-proċess ta' deċentralizzazzjoni u tiżgura li l-muniċipalitajiet ikollhom il-mezzi neċessarji sabiex jimplimentaw il-kompetenzi l-ġodda tagħhom.

– Tadotta u tibda timplimenta pjan strateġiku fit-terminu medju għal rappreżentazzjoni ekwitabbli tal-minoranzi fl-amministrazzjoni pubblika (inkluża l-ġudikatura) u intrapriżi pubbliċi.

ID-DRITTIJIET UMANI U L-PROTEZZJONI TAL-MINORANZI

– Tikkonforma bis-sħiħ mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Umani, il-Konvenzjoni għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament jew Kastig Inuman u Degradanti u konvenzjonijiet internazzjonali oħra rilevanti.

– Issaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Ministeru ta' l-Intern u l-Ombudsman.

– Tadotta l-Liġi dwar l-Interċettazzjoni tal-Komunikazzjonijiet.

– Timplimenta bis-sħiħ ir-regoli li japplikaw għall-etika, il-kontroll intern u standards professjonali fl-aġenziji kollha ta' l-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura u l-amministrazzjonijiet tal-ħabsijiet.

– Tippromwovi kuxjenza fost il-pulizija, ġudikanti, prosekuturi u korpi oħra ta' infurzar tal-liġi dwar l-obbligazzjonijiet tagħhom f'dak li jirrigwarda d-drittijiet umani u tiżgura li dawn iwettquhom skond ir-rekwiżiti internazzjonali.

– Tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-prinċipju kostituzzjonali tas-separazzjoni ta' gruppi u komunitajiet reliġjużi mill-Istat u tirrevedi l-qafas legali għal komunitajiet u gruppi reliġjużi.

– Tadotta u timplimenta Liġi ġdida dwar ix-Xandir sabiex tiggarantixxi l-indipendenza tax-xandara u l-kwalità tas-servizz li jipprovdu.

– Tippromwovi r-rispett għal u l-protezzjoni ta' minoranzi skond il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Umani u l-prinċipji stabbiliti fil-Konvenzjoni ta' Qafas għall-Protezzjoni ta' Minoranzi Nazzjonali tal-Kunsill ta' l-Ewropa, skond l-aqwa prattika fl-Istati Membri ta' l-UE.

– Tippromwovi aktar l-aċċess għall-edukazzjoni għall-komunitajiet etniċi kollha.

KWISTJONIJIET REĠJONALI U OBBLIGI INTERNAZZJONALI

– Tiżgura l-kooperazzjoni reġjonali u relazzjonijiet tajba mal-ġirien.

– Tikkonkludi u timplimenta ftehimiet ma' pajjiżi ġirien, notevolment dwar il-kummerċ ħieles, il-kooperazzjoni bejn il-fruntieri, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-traffikar u l-kuntrabandu, il-kooperazzjoni ġudizzjarja, it-tmexxija tal-fruntieri, l-ambjent, it-trasport u l-enerġija.

Kriterji ekonomiċi

– Issaħħaħ iċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi. Tħaffef il-proċeduri legali u tikkjarifika d-drittijiet ta' proprjetà. Tieħu passi deċiżivi lejn it-tlestija tar-reġistrazzjoni ta' l-art u ta' beni immobbli.

– Issaħħaħ il-kapaċità ta' l-Istat li jsolvi tilwimiet kummerċjali.

– Tiżgura li d-deċiżjonijiet amministrattivi jkunu bbażati fuq regoli trasparenti u li deċiżjonijiet ibbażati fuq poteri ta' diskrezzjoni jkunu suġġetti għal reviżjoni amministrattiva u ġudizzjarja effettiva.

– Ittejjeb il-klima ġenerali tan-negozju, *inter alia* billi ssaħħaħ l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni f'oqsma bħall-verifika u l-kontabilità korporattiva. Ittejjeb il-kapaċità tal-pajjiż li jiġbed lejh investituri diretti, lokali u barranin.

– Tqassar it-tul ta' proċeduri f'każ ta' falliment, tneħħi l-impenji pendenti ta' proċeduri dwar falliment akkumulati u tnaqqas l-impenji pendenti ta' kumpaniji li huma falluti imma mhux xolti.

– Tiggarantixxi trattament ugwali għal kull min iħallas it-taxxa. Tindirizza l-fenomenu tat-tolleranza tan-nuqqas ta' ħlas ta' taxxi u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għal uħud minn dawk li jħallsu t-taxxa. Telimina l-impenji pendenti f'arretrati ta' ħlasijiet u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Tiżgura l-prosekuzzjoni effettiva ta' individwi u kumpaniji li pparteċipaw fl-iskemi "piramida" ta' l-evażjoni tat-taxxa.

– Tlesti l-liberalizzazzjoni tas-suq. B'mod partikolari, tkompli l-proċess ta' privatizzazzjoni u l-liberalizzazzjoni ta' industriji netwerk.

– Tindirizza l-qgħad u tappoġġja l-ħolqien ta' impjiegi. Tiżgura l-implimentazzjoni b'ħeffa tal-Liġi l-ġdida dwar Relazzjonijiet ta' Xogħol u tar-riforma ta' l-Aġenzija ta' l-Impjiegi. Tibda aktar sforzi sabiex tippromwovi l-ħolqien ta' impjiegi, partikolarment għan-nisa u ż-żgħażagħ.

– Issaħħaħ l-istandards ta' prudenza u superviżjoni fl-oqsma bankarji u ta' assigurazzjoni.

– Tkompli bl-allinjament tal-qafas legali għas-settur finanzjarju u tiżgura l-implimentazzjoni b'ħeffa sabiex tiżgura, partikolarment, konformità rapida ma' standards u prattiċi internazzjonali.

– Ittejjeb aktar it-tmexxija tal-finanzi pubbliċi. B'mod partikolari, timplimenta deċentralizzazzjoni fiskali u tkompli d-dekompressjoni tal-pagi fl-istruttura ta' salarji tas-servizz ċivili.

L-Abbiltà li Tassumi l-Obbligi ta' l-Adeżjoni

Il-moviment ħieles tal-prodotti

– Tlesti r-ristrutturar tal-qafas istituzzjonali eżistenti sabiex tiżgura s-separazzjoni tal-funzjonijiet regolatorji, ta' akkreditazzjoni, standardizzazzjoni u ċertifikazzjoni tal-prodotti.

– Tħaffef ir-rata ta' adozzjoni ta' l-istandards Ewropej.

– Tadotta leġiżlazzjoni li tirrigwarda n-nomina u n-notifikazzjoni ta' korpi ta' valutazzjoni tal-konformità u tistabbilixxi infrastruttura ta' valutazzjoni tal-konformità li tiffunzjona.

– Tadotta Liġi ġdida dwar is-Sigurtà tal-Prodotti.

– Tiżviluppa struttura ta' sorveljanza tas-suq mitluba mill-*acquis* dwar il-moviment ħieles ta' prodotti.

– Tkompli x-xogħol fuq it-traspożizzjoni ta' direttivi ta' l-Istrateġija l-Qadima u l-Istrateġija l-Ġdida u dik Globali.

Il-moviment ħieles tal-kapital

– Issaħħaħ aktar il-qafas ta' kontra l-ħasil ta' flus, partikolarment billi tqajjem kuxjenza fost l-istituzzjonijiet risponsivi u billi tistabbilixxi rekord ta' infurzar kredibbli min-naħa ta' istituzzjonijiet rilevanti. Timplimenta l-Istrateġija Nazzjonali kontra l-Ħasil ta' Flus u l-Iffinanzjar tat-Terroriżmu.

L-appalti pubbliċi

– Tallinja l-leġiżlazzjoni dwar l-appalt pubbliku ma' l-*acquis*, partikolarment fis-settur ta' l-utilitajiet.

– Tiżgura sistema effettiva ta' rimedji, speċjalment fejn jirrigwarda l-partijiet li jistgħu jirrikorru għal rimedji u billi testendi l-limiti ta' żmien għas-sottomissjoni ta' l-ilmenti.

– Iżżid il-kuxjenza tas-settur pubbliku dwar ir-regolamenti għall-appalti pubbliċi u l-konformità magħhom.

– Twaqqaf l-Uffiċċju għall-Appalti Pubbliċi u tfornih b'biżżejjed persunal u tagħmir, anke fid-dawl tar-rwol tiegħu fid-ditezzjoni ta' attivitajiet ta' korruzzjoni.

Il-liġi tal-kumpaniji

– Twettaq riformi tal-proċess ta' reġistrazzjoni tal-kumpaniji sabiex tnaqqas il-proċeduri twal u kumplessi.

– Tiżgura infurzar xieraq tal-ħtiġijiet tal-kontabilità u r-rappurtaġġ finanzjarju. Tiżgura l-implimentazzjoni ta' l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità.

– Tagħmel il-Kumitat għall-Istandards ta' Kontabilità jiffunzjona.

Il-liġi tal-proprjetà intellettwali

– Tistabbilixxi rekord kredibbli ta' infurzar fil-qasam tal-protezzjoni tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u industrijali. Tiżgura li multi u sanzjonijiet oħra jkunu applikati b'mod effettiv u jkollom effett disswasiv. Għal dan l-għan, talloka riżorsi adegwati fil-livell ta' l-infurzar tal-liżi, prosekuzzjoni u qrati.

Kompetizzjoni

– Tistabbilixxi rekord kredibbli ta' infurzar fil-qasam tal-ġlieda kontra l-monopolju u fil-qasam tal-kontroll ta' l-għajnuna statali. Tagħti lill-Kummissjoni għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni biżżejjed riżorsi sabiex tinforza l-liġi u tiżgura l-indipendenza tal-Kummissjoni għall-Għajnuna Statali, u tipprovdilha persunal adegwat u post.

– Tistabbilixxi elenku komprensiv u tirrapporta l-miżuri kollha ta' għajnuna fis-seħħ.

– Tallinja aktar il-leġiżlazzjoni mal-leġiżlazzjoni tal-kompetizzjoni ta' l-UE u r-regolamenti ta' l-għajnuna Statali ta' l-UE.

– Tqajjem kuxjenza fost l-istituzzjonijiet governattivi u s-settur tan-negozju.

Servizzi finanzjarji

– Issaħħaħ il-leġiżlazzjoni u l-qafas ta' sorveljanza, inkluż l-infurzar, għas-settur finanzjarju, partikolarment f'dak li jirrigwarda s-settur ta' l-assigurazzjoni u s-swieq tat-titoli.

– Tistabbilixxi awtorità ta' sorveljanza indipendenti u mgħammra b'persunal xieraq għas-settur ta' l-assigurazzjoni.

Is-soċjetà ta' l-informazzjoni u l-medja

– Twaqqaf il-ksur tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni billi tieħu l-miżuri neċessarji kollha sabiex twettaq l-obbligu li tilliberalizza s-settur tal-komunikazzjoni elettronika, inkluża l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni sekondarja kollha meħtieġa u ssaħħaħ aktar il-korpi regolatorji.

– Tiżgura salvagwardji kompetittivi għal operaturi sinifikattivi tal-forzi tas-suq.

– Tiżgura li l-leġiżlazzjoni dwar il-medja tkun konformi mar-rakkomandazzjonijiet ifformulati f'Mejju 2005 mill-kompetenzi konġunti tal-Kunsill ta' l-Ewropa u l-Kummissjoni.

– Tiżgura li l-leġiżlazzjoni dwar il-malafama tkun tirrifletti l-istandards Ewropej

– Issaħħaħ l-indipendenza u l-kapaċità amministrattiva tal-Kunsill għall-Medja Elettronika.

Żvilupp agrikolu u rurali

– Tħaffef ir-reġistrazzjoni ta' l-art agrikola fil-katast tal-beni immobbli.

– Tadotta l-leġiżlazzjoni meħtieġa u twaqqaf strutturi amministrattivi xierqa sabiex topera strumenti ta' l-UE marbuta ma' l-iżvilupp rurali, inkluża t-tħejjija għat-twaqqif ta' aġenzija għall-ħlas ta' l-iżvilupp rurali.

Sigurtà alimentari, u politika veterinarja u fitosanitarja

– Tkompli l-allinjament tal-leġiżlazzjoni ma' l-*acquis* veterinarju u fitosanitarju.

– Issaħħaħ il-kapaċità tas-Servizz Veterinarju fil-livelli ċentrali u lokali sabiex twaqqaf sistema ta' kontroll kompatibbli ma' l-EU, partikolarment fil-kontroll ta' l-importazzjonijiet. Issaħħaħ it-tmexxija u t-taħriġ ta' l-ispetturi.

– Twaqqaf sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' bovini u speċi oħra rilevanti.

– Tallinja aktar is-sistemi għall-kontroll tal-mard u s-saħħa ta' l-annimali mar-rekwiżiti leġiżlattivi u istituzzjonali ta' l-UE, kif ukoll il-pjanijiet ta' kontinġenza għal mard tal-Lista A.

– Thejji programm għat-titjib ta' l-istabbilimenti li jipproċessaw l-ikel sabiex jilħqu r-rekwiżi ta' l-UE.

Politika dwar it-trasport

– Tfittex allinjament ma' l-*acquis* tat-trasport fit-triq, notevolment f'dak li jirrigwardja l-aċċess għas-suq, it-trasport ta' prodotti perikolużi, l-*acquis* soċjali u l-*acquis* fiskali.

– Fis-settur tal-ferroviji, tistabbilixxi korp regolatorju li jkun indipendenti mit-tmexxija ta' l-infrastruttura u mill-intraprizi fil-qasam tal-ferroviji. Tistabbilixxi awtorità għas-sigurtà responsabbli li toħroġ ċertifikati ta' sigurtà. Tallinja l-leġiżlazzjoni mar-regolamenti ta' l-UE dwar it-trasport ta' prodotti perikolużi bil-ferroviji.

– Fil-qasam ta' l-avjazzjoni, tfittex aktar allinjament mar-regolamenti tas-sigurtà u regolamenti dwar l-operat tas-swieq. Issaħħaħ il-kapaċità amministrattiva ta' l-Awtorità għall-Avjazzjoni Ċivili.

– Tikkonkludi Ftehim ta' Żona Ewropea ta' Avjazzjoni Komuni (ECAA) bi Protokol dwar miżuri tranżitorju għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE dwar l-avjazzjoni.

– Tkompli bl-implimentazzjoni tal-Memorandum ta' Ftehim fuq l-Iżvilupp ta' Netwerk ta' Qofol tat-Trasport Reġjonali ta' l-Ewropa tax-Xlokk.

Enerġija

– Tibda tallinja l-leġiżlazzjoni dwar is-swieq interni ta' l-elettriku u l-gass, l-effiċjenza fl-enerġija u s-sorsi ta' enerġija li tiġġedded ma' l-*acquis* sabiex gradwalment tiftaħ is-suq ta' l-enerġija għall-kompetizzjoni.

– Issaħħaħ l-indipendenza tal-Kummissjoni li Tirregola l-Enerġija.

– Tiffirma t-Trattat tal-Komunità ta' l-Enerġija.

– Issaħħaħ il-kapaċità amministrattiva fis-setturi kollha ta' l-enerġija.

Tassazzjoni

– Iżżid il-kapaċità amministrattiva sabiex timplimenta l-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa, u biex tiġġieled l-evażjoni fiskali.

– Tieħu miżuri strutturali sabiex b'mod urġenti tirriforma l-politika ta' kontroll u ttejjeb il-kapaċità ta' kontroll.

– Tiżviluppa strateġija ta' verifika u sistemi adegwati ta' l-IT.

– Temenda r-reġim ta' tassazzjoni fuq il-prodotti tat-tabakk sabiex telimina d-diskriminazzjoni eżistenti bejn il-prodotti domestiċi u dawk impurtati.

– Timpenja ruħha lejn il-Prinċipji tal-Kodiċi ta’ Imġiba għat-Tassazzjoni tan-Negozju u tiżgura li miżuri ġodda ta’ taxxa jkunu konformi ma’ dawn il-prinċipji.

Statistiċi

– Issaħħaħ il-kapaċità ta' l-Uffiċċju ta' l-Istatistika ta' l-Istat sabiex tippermetti l-implimentazzjoni f'ħinha taċ-ċensiment agrikolu u ċ-ċensiment tan-negozju u għall-iżvilupp kontinwu tal-kontijiet nazzjonali u l-istatistiċi sottostanti. Issaħħaħ il-ġbir u l-ipproċessar ta' l-istatistiċi agrikoli f'konformità ma' l-istandards u l-metodoloġija ta' l-UE.

– Temenda l-Liġi dwar l-Istatistiċi Statali sabiex tarmonizzaha b'mod sħiħ ma' l-istandards ta' l-UE u toħloq il-kundizzjonijiet proprji għall-implimentazzjoni ta' l-*acquis* statistiku.

L-Intrapriżi u l-politika industrijali

– Tkompli l-implimentazzjoni tal-Karta Ewropea għall-Intrapriżi ż-Żgħar Tintroduċi skema ta' vawċers għal servizzi ta' pariri u taħriġ Tesplora possibiltajiet ta' inċentivi ta' taxxa għall-bidu ta' l-operat ta' kumpaniji żgħar. Ittejjeb il-mezzi ta' rappreżentanza u promozzjoni għall-SMEs.

– Iddaħħal stima sistematika ta' l-impatt ta' regolamenti ġodda fuq l-intrapriża.

– Tiżgura t-tnedija u t-tmexxija professjonali u indipendenti tal-fond għall-garanzija tas-self.

– Tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni dwar il-firma elettronika.

Politika reġjonali u koordinazzjoni ta' l-istrumenti strutturali

– Tiżviluppa strateġija komprensiva u koerenti u abbozz ta' liġi dwar l-iżvilupp reġjonali.

– Tidentifika strutturi ta' sħubija sabiex tiżgura kooperazzjoni mill-qrib bejn l-imsieħba relevanti fil-livelli nazzjonali u reġjonali.

Ġustizzja, libertà u sigurtà

– Tadatta u timplimenta l-Liġi dwar is-Sorveljanza tal-Fruntieri, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar l-Istrateġija Integrata għall-Ġestjoni tal-Fruntieri, u l-Liġi dwar il-Barranin. Timplimenta l-Pjan għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri. Tħejji manwali miktubin f'konformità mal-manwal Schengen sabiex jintużaw fil-postijiet kollha tal-kontroll tal-fruntieri.

– Tiżviluppa d-*databases* ewlenin għall-kontroll tal-fruntieri u tiżgura li jkunu kkomunikati flimkien. Taġġorna l-għodod għall-analiżi ta' dokumenti u s-sorveljanza tal-fruntieri. Iddaħħal dokumenti ta' vvjaġġar u identità ta' kwalità tajba ħafna. Tipprovdi aktar taħriġ għal persunal trasferit mill-Ministeru tad-Difiża fuq il-bażi ta' programm multi-annwali ta' taħriġ.

– Tkompli timplimenta l-Pjan ta' Azzjoni għar-riforma tal-pulizija. Tipprovdi finanzjament u taħriġ adegwat. Issaħħaħ il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-korpi tal-pulizija u bejn il-pulizija u aġenziji oħra ta' l-infurzar tal-liġi.

– Tiżviluppa u timplimenta strateġija komprensiva ta' taħriġ u riżorsi umani għall-pulizija. Taġġorna t-tagħmir, partikolarment f'oqsma ta' investigazzjoni speċjalizzata.

– Tfittex li timplimenta s-Sett ta' Miżuri Orjentati lejn l-Azzjoni għall-Ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata. Toħloq sistema ta' intelliġenza integrata għall-użu bejn l-aġenziji fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, inkluż it-traffikar ta' persuni umani, armi u drogi.

– Tiżviluppa strateġija nazzjonali dwar id-drogi f'konformità ma' l-Istrateġija ta' l-UE dwar id-Drogi għall-2005-2012 u unit strutturat sewwa speċjalizzat f'pulizija bil-moħbi u li tiżgura taħriġ dwar

pulizija immexxija mill-intelliġenza. Tiżgura riżorsi adegwati għall-protezzjoni tax-xhieda. Issaħħaħ il-kapaċità li tinvestiga l-kriminalità bil-kompjuter.

Ambjent

– Issaħħaħ l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u s-sorveljanza ta' l-ambjent.

– Issaħħaħ l-Ispettorat ta' l-Ambjent u korpi oħra ta' infurzar. Tistabbilixxi rekord kredibbli ta' infurzar. Tiżgura li multi u sanzjonijiet oħra jkunu applikati b'mod effettiv u jkollhom effett disswasiv.

– Issaħħaħ il-kapaċità amministrattiva fil-livelli nazzjonali u lokali u tibda t-tħejjija ta' pjani strateġiċi, inklużi strateġiji finanzjarji.

– Tiżviluppa strateġija ta' investiment ambjentali ibbażata fuq estimi tan-nefqa għall-allinjament.

Unjoni Doganali

– Tallinja ma' l-*acquis* l-livell ta' ħlasijiet ġenerali għall-iżdoganar . Tneħħi l-ħlas speċjali ta' € 100 għal kull talba li tidħol għall-allokazzjoni ta' kwoti ta' tariffi, minħabba li dawn imorru kontra l-*acquis* u jiksru d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni.

– Iżżid il-kapaċità amministrattiva sabiex timplimenta l-leġiżlazzjoni doganali u tiġġieled il-kriminalità tranżnazzjonali.

– Tieħu l-passi kollha neċessarji sabiex timplimenta kif jixraq ir-regoli ta' oriġini.

– Tressaq aktar il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri ma' l-*acquis*, partikolarment fil-qasam tat-tranżitu, proċeduri simplifikati u kwoti tat-tariffi.

Relazzjonijiet esterni

– Taħdem lejn il-Ftehim reġjonali futur ta' Kummerċ Ħieles fix-Xlokk ta' l-Ewropa.

Kontroll finanzjarju

– Tadotta u timplimenta leġiżlazzjoni konsistenti għall-qasam sħiħ tal-kontroll intern, u tkopri l-aspetti kollha relevanti għall-kontabilità fit-tmexxija, il-verifika interna indipendenti, l-armonizzazzjoni ċentrali kif ukoll il-prevenzjoni tal-frodi.

– Tiżviluppa strateġija jew karta ta' politika ta' Kontroll Finanzjarju Pubbliku Intern (PIFC) bħala bażi għall-implimentazzjoni tal-prijoritajiet fit-terminu medju marbuta mal-kontroll pubbliku intern.

– Tlesti t-twaqqif ta' units ta' verifika interna funzjonalment indipendenti f'istituzzjonijiet Statali ċentrali u toħloq units bħalhom fil-livell muniċipali. Issaħħaħ ir-rwol koordinattiv tal-Ministeru tal-Finanzi. Tiżgura staff, taħriġ u tagħmir adegwat.

– Tistabbilixxi unit ta' armonizzazzjoni għat-tmexxija finanzjarja u l-kontroll fil-Ministeru tal-Finanzi.

– Tiżviluppa sistemi effiċjenti ta' tmexxija, sorveljanza, kontroll u verifika meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' programmi taħt l-istrumenti ta' l-UE ta' qabel l-adeżjoni taħt kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni deċentralizzati.

– Ittejjeb l-indipendenza operattiva u finanzjarja ta' l-Uffiċċju Statali ta' Verifika u tiżgura segwitu għas-sejbiet fir-rapporti tiegħu.

3.2. Prijoritajiet fit-Terminu Medju

Kriterji Politiċi

ID-DEMOKRAZIJA U T-TMEXXIJA SKOND IL-LIĠI

Amministrazzjoni pubblika

– Tiżviluppa aktar il-kapaċità ta' l-amministrazzjoni sabiex timplimenta Ftehim ta' Assoċjazzjoni u Stabbilizzazzjoni.

– Tippromwovi aktar is-sehem attiv tas-soċjetà ċivili, inklużi l-imsieħba soċjali, fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

Is-Sistema Ġudizzjarja

– Tlesti l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Strateġija u Azzjoni dwar ir-Riforma Ġudizzjarja. Tiżgura l-indipendenza u l-effiċjenza tal-ġudikatura.

– Tilħaq riżultati tanġibbli fit-titjib ta' l-operat tal-ġudikatura, u żżid ir-rata ta' eżekuzzjoni ta' kawżi ċivili.

– Tiżviluppa aktar l-Akkademja għat-Taħriġ ta' ġudikanti u prosekuturi.

– Tiżviluppa aktar il-kapaċità tas-sistema ġudizzjarja sabiex tittratta l-kriminalità ekonomika u organizzata.

– Tipprovdi tagħmir adegwat u IT ta' appoġġ għall-qrati.

Politika kontra l-korruzzjoni

– Timplimenta aktar l-istrateġija għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u ssaħħaħ l-inizjattivi ta' ħolqien ta' kuxjenza fl-amministrazzjoni u fost il-pubbliku in ġenerali. Tiżgura l-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri u leġiżlazzjoni adottati sabiex jiġġieldu l-korruzzjoni.

– Tiżviluppa metodoloġija u topera sistema għall-ġbir u l-qsim ta' intelliġenza u għall-aċċess reċiproku ta' databases.

Il-Ftehim Qafas ta' Ohrid

– Tlesti l-proċess ta' deċentralizzazzjoni u timplimenta aktar l-istrateġija dwar ir-rappreżentanza ġusta tal-minoranzi fl-amministrazzjoni pubblika u intrapriżi pubbliċi.

ID-DRITTIJIET UMANI U L-PROTEZZJONI TAL- MINORANZI

– Tippromwovi aktar ir-rispett tad-drittijiet umani minn korpi għall-infurzar tal-liġi u f'ċentri ta' detenzjoni u ħabsijiet.

Kriterji ekonomiċi

– Ittejjeb aktar l-ambjent tan-negozju. B'mod partikolari, tlesti r-reġistrazzjoni ta' l-artijiet u l-beni immobbli kollha kif ukoll it-tisħiħ relatat tal-katastru. Tiżgura l-infurzar tad-drittijiet tal-krediturifl-ambitu ta' qafas legali trasparenti. Ittejjeb aktar il-kundizzjonijiet għall-investituri.

– Ittejjeb il-kwalità tat-tmexxija filwaqt li żżomm finanzi pubbliċi tajba.

– Tieħu passi sabiex tintegra s-settur informali fl-ekonomija formali, partikolarment sabiex tinkludi bis-sħiħ lil persuni impjegati fis-sistema tas-sigurtà soċjali u telimina kompetizzjoni inġusta minn kumpaniji mhumiex reġistrati.

– Tippromwovi t-tibdil strutturali u d-diversifikazzjoni ta' l-attivitajiet ekonomiċi, bil-ħsieb li twettaq aħjar il-vantaġġi komparattivi tal-pajjiż.

– Tfittex l-integrazzjoni ekonomika reġjonali. Timmodernizza t-trasport u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni. Testendi l-integrazzjoni tal-kummerċ tal-pajjiż mar-reġjun.

– Tnaqqas is-sehem relattivament għoli tan-nefqa mhix produttiva filwaqt li żżid l-iffinanzjar għall-edukazzjoni, l-infrastruttura, ir-riċerka u l-iżvilupp.

– Timmodernizza s-sistema edukattiva. Tallinja l-kwalità tas-sistema edukattiva ma' l-istandards Ewropej. Timmodernizza l-kurrikula ta' l-edukazzjoni sekondarja u universitarja. Iżżid l-isforzi sabiex toħloq edukazzjoni vokazzjonali u sistema ta' taħriġ moderna.

– Iżżid il-kapaċità amministrattiva fir-rigward tal-ġbir ta' taxxi u l-kontroll tan-nefqa. Iżżid il-kontroll intern u l-istandards ta' verifika.

L-Abbiltà li Tassumi l-Obbligi ta' l-Adeżjoni

Il-moviment ħieles tal-prodotti

– Tħaffef l-isforzi sabiex issir membru sħiħ taċ-CEN u taċ-CENELEC u ta' l-Istitut Ewropew għall-Istandards fit-Telekomunikazzjoni (ETSI). Tiggarantixxi livell xieraq ta' persunal fl-Istitut għall-Istandardizzazzjoni.

– Issaħħaħ il-kapaċità amministrattiva meħtieġa għal sorveljanza effettiva tas-suq.

– Tintroduċi klawsoli reċiproċi ta' rikonoxximent fil-leġiżlazzjoni.

Il-moviment liberu għall-ħaddiema

– Tiżviluppa kapaċità amministrattiva suffiċjenti sabiex timplimenta r-regoli tal-Komunità fuq il-koordinazzjoni ta' skemi ta' sigurtà soċjali.

Id-dritt ta' l-istabbiliment u l-libertà għall-provvista ta' servizzi

– Tadotta leġiżlazzjoni għar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali barranin u toħloq strutturi u proċeduri amministrattivi għal dan l-għan.

– Tadotta politika postali ibbażata fuq id-Direttivi Postali, inkluż it-twaqqif ta' awtorità regolatorja nazzjonali indipendenti fil-qasam tas-servizzi postali.

Il-liġi tal-kumpaniji

– Tiżgura standards għoljin fil-professjoni tal-verifika.

Kompetizzjoni

– Ittejjeb aktar ir-rekord ta' infurzar fl-oqsma tal-ġlieda kontra l-monopolju u l-kontroll ta' l-għajnuna Statali.

Is-soċjetà ta' l-informazzjoni u l-medja

– Tittrasponi u timplimenta l-qafas ta' l-UE għas-soċjetà ta' l-informazzjoni u l-medja.

– Tadotta leġiżlazzjoni dwar il-kummerċ elettroniku u s-servizzi ta' aċċess kondizzjonali.

– Tkompli l-proċess ta' allinjament mal-Konvenzjoni Ewropea dwar it-Televiżjoni li taqsam il-fruntieri u d-Direttiva dwar it-Televiżjoni mingħajr Fruntieri.

– Issaħħaħ aktar il-kapaċità amministrattiva ta' l-awtoritajiet regolatorji.

Żvilupp agrikolu u rurali

– Tiżviluppa strateġija ġenerali dwar żvilupp rurali.

– Taġġorna l-kapaċità tat-tmexxija agrikola u tlesti t-tħejjijiet għall-infurzar u l-applikazzjoni prattika tal-mekkaniżmi ta' tmexxija tal-Politika Agrikola Komuni, partikolarment is-Sistema ta' Amministrazzjoni u Kontroll (IACS) u l-Aġenzija tal-Ħlasijiet. Tiżgura Sistema ta' Identifikazzjoni tal-Pakketti ta' l-Art (LPIS) li tkun tiffunzjona.

– Tistabbilixxi r-reġistru ta' l-għelieqi tad-dwieli u tagħmlu jiffunzjona.

Sigurtà Alimentari, u politika veterinarja u fitosanitarja

– Tkompli tallinja l-leġiżlazzjoni ma' l-*acquis* f'dak li jirrigwarda enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (TSE) u prodotti sekondarji ta' l-annimali, timplimenta u tikkontrolla l-infurzar tagħha u tistabbilixxi s-sistema meħtieġa ta' ġbir u trattament.

– Tistabbilixxi awtorità għas-saħħa tal-pjanti mgħammra b'persunal xieraq u tipprovdi kapaċita laboratorja xierqa għas-servizzi fitosanitarji. Tallinja aktar il-leġiżlazzjoni fitosanitarja ma' l-*acquis*.

Politika dwar it-trasport

– Tkompli taħdem lejn allinjament sħiħ ma' l-*acquis* fil-qasam tat-trasport bit-toroq. Tkompli l-allinjament ma' l-*acquis* dwar il-ferroviji (l-ewwel u t-tieni pakkett dwar il-ferroviji u l-interoperabilità). Tikseb allinjament sħiħ mal-leġiżlazzjoni dwar l-avjazzjoni. Tiżgura l-infurzar vigoruż tal-leġiżlazzjoni korrispondenti.

– Timplimenta aktar il-Memorandum ta' Ftehim dwar l-Iżvilupp tan-Netwerk ta' Qofol tat-Trasport Reġjonali ta' l-Ewropa tax-Xlokk.

Enerġija

– Tkompli l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-komunità ta' l-Enerġija.

– Taħdem lejn allinjament ma' l-*acquis* dwar l-enerġija nukleari u ssaħħaħ il-kapaċità amministrattiva fis-settur.

Tassazzjoni

– Tallinja bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni dwar it-taxxa ma' l-*acquis*, inkluża l-leġiżlazzjoni ġdida (per eżempju, id-Direttiva l-ġdida dwar l-Enerġija).

– Tkompli r-riforma ta' l-amministrazzjoni tat-taxxa u tiżgura l-operat xieraq tagħha.

– Tkompli bit-tħejjijiet sabiex tiżgura l-interkonnettività mas-sistemi kompjuterizzati ta' l-UE.

– Ittejjeb it-trasparenza u l-bdil ta' tagħrif ma' stati membri ta' l-UE sabiex tiffaċilita l-infurzar ta' miżuri li jwaqqfu l-evażjoni tat-taxxi. F'dan il-kuntest, il-bdil ta' informazzjoni ma' Stati Membri ta' l-UE jista' jkun ibbażat fuq il-mudell ta' ftehim ta' l-OECD għall-bdil ta' informazzjoni.

Statistiċi

– Tiddefinixxi reġjuni ta' statistika li huma kompatibbli man-NUTS u tniedi l-produzzjoni ta' statistiċi reġjonali.

– Toħloq reġistru ta' rziezet fuq il-bażi taċ-ċensiment agrikolu u tindirizza l-vojt li jibqa' fl-istatistiċi agrikoli.

– Tiżviluppa aktar l-istatistiċi makro-ekonomiċi u soċjali.

– Tiżviluppa statistiċi ta' negozju ta' min joqgħod fuqhom ibbażati fuq ir-reġistru statistiku tan-negozju u ċ-ċensiment tan-negozju.

Politika soċjali u żvilupp

– Tkompli bl-allinjament mal-leġiżlazzjoni fl-oqsma tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-liġi dwar ix-xogħol u kontra d-diskriminazzjoni, u ssaħħaħ l-istrutturi amministrattivi korrispondenti.

– Issaħħaħ l-Ispettorat tax-Xogħol f'termini ta' persunal u tagħmir u tpoġġih f'qagħda li japplika sanzjonijiet effettivi u diswassivi.

– Tiżviluppa u timplimenta strateġija komprensiva ta' xogħol li tinvolvi s-sħab relevanti kollha bil-ħsieb ta' sehem sussegwenti fl-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi, li jikkorrispondu għal żvilupp xieraq ta' kapaċità għall-analiżi, implimentazzjoni u stima.

L-Intrapriżi u l-politika industrijali

– Tiddefinixxi u timplimenta strateġija industrijali li twassal għal tkabbir u innovazzjoni.

– Tizviluppa aktar il-mekkaniżmi ta' appoġġ għal SMEs u ttejjeb l-aċċess ta' l-SMEs għal servizzi finanzjarji.

Politika reġjonali u koordinazzjoni ta' l-istrumenti strutturali

– Tiżgura distribuzzjoni ċara tar-responsabbiltajiet u ko-ordinazzjoni inter-ministerjali effettiva sabiex tiżviluppa strateġija reġjonali ta' żvilupp komprensiva u koerenti.

– Twaqqaf strutturi ta' sħubija sabiex tiżgura kooperazzjoni mill-qrib bejn l-imsieħba relevanti fil-livelli nazzjonali u reġjonali. Tinvolvi sħab soċjo-ekonomiċi u sħab oħra.

– Tiżgura li l-awtoritajiet ta' ħlas u tmexxija nominati jibnu l-kapaċità tagħhom progressivament.

– Tfassal u timplimenta pjanijiet ta' żvilupp nazzjonali u reġjonali.

– Ittejjeb il-proċeduri ta' tmexxija u kontroll finanzjarju u twaqqaf sistemi xierqa ta' sorveljanza u evalwazzjoni.

– Twaqqaf aġenzija nazzjonali għall-iżvilupp reġjonali.

– Tiżviluppa kapaċità għat-tħejjija u t-tmexxija ta' proġetti f'konformità mal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni, kemm fil-livell ċentrali kif ukoll fil-livell NUTS III.

Ġustizzja, libertà u sigurtà

– Tlesti l-implimentazzjoni ta' l-Istrateġija Integrata għall-Kontroll tal-Fruntieri.

– Tlesti l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għar-riforma tal-pulizija. Tkompli taġġorna t-tagħmir u ttejjeb it-taħriġ. Tiżviluppa aktar is-sistema ta' tmexxija tar-riżorsi umani.

– Tiżviluppa aktar is-sistema integrata għall-pulizija immexxija mill-intelliġenza. Issaħħaħ il-kapaċitajiet ta' investigazzjoni speċjali sabiex jikkumbattu l-kriminalità organizzata, inklużi t-traffikar ta' persuni umani, armi u drogi.

– Topera proċeduri ta' kenn politiku li jkunu konformi ma' standards internazzjonali u Ewropej, inkluża sistema ta' appell riformata. Issaħħaħ il-kapaċità amministrattiva billi tadotta pjan strateġiku għall-istrutturi amministrattivi kif ukoll linji gwida għall-ipproċessar ta' każi ta' kenn politiku. Issaħħaħ it-tmexxija u l-appoġġ proċedurali. Issaħħaħ il-kapaċità ta' l-ilqugħ u tiżviluppa *database* ċentrali għall-barranin kollha li jkun ikopri l-kenn politiku, il-migrazzjoni u l-viżi.

– Tiżviluppa u timplimenta strateġija ta' migrazzjoni, inkluża politika attiva ta' ritorn, li tkun konformi ma' l-istandards ta' l-UE u effettiva fil-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali u l-movimenti ta' migrazzjoni sekondarja.

Xjenza u riċerka

– Tibda tfassal u tapplika politika integrata ta' riċerka.

– Issaħħaħ il-kapaċità għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku sabiex tiżgura sehem b'suċċess fil-Programmi Qafas tal-Komunità.

Ambjent

– Tintegra r-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali f'oqsma oħra ta' politika settorjali, partikolarment permezz ta' l-iżvilupp ta' stimi dwar l-impatt ambjentali.

– Tkabbar l-investimenti fl-infrastruttura ambjentali, b'enfasi partikolari fuq il-ġbir u t-trattament ta' ilma mormi, il-proviżjoni ta' ilma għax-xorb, u tindirizza l-immaniġġjar ta' l-iskart u l-inkwinament ta' l-arja.

Protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa

– Tkompli bl-allinjament ma' l-*acquis* dwar miżuri marbuta mas-sigurtà.

Unjoni Doganali

– Tallinja bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni u l-proċeduri doganali mal-leġiżlazzjoni u l-istandards ta' l-UE u timplimenta bis-sħiħ dawn il-proċeduri fit-territorju kollu.

– Tkompli ssaħħaħ l-Amministrazzjoni Doganali u tiżgura l-operat xieraq tagħha sabiex tilħaq l-istandards ta' l-UE. Tkompli bl-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku għall-2004-2008.

– Tkompli bit-tħejjijiet sabiex tiżgura l-interkonnettività mas-sistemi kompjuterizzati ta' l-UE.

Politika barranija, ta' sigurtà u ta' difiża

– Tiżgura li l-"Prinċipji Gwida ta' l-UE dwar Arranġamenti bejn Stat Parti fl-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali u l-Istati Uniti dwar il-Kundizzjonijiet għaċ-Ċediment ta' Persuni lill-Qorti", adottati fit-30 ta' Settembru 2002, jitqiesu bis-sħiħ.

Kontroll finanzjarju

– Tiżviluppa u timplimenta l-prinċipji tal-kontabilità ta' tmexxija deċentralizzata u tal-verifika interna funzjonalment indipendenti f'konformità ma' l-istandards aċċettati internazzjonalment u l-aħjar prattika fl-UE, waqt li ssegwi l-mudell tal-Kontroll Finanzjarju Pubbliku Intern (PIFC) ta' l-UE, permezz ta' leġiżlazzjoni koerenti u kapaċità istituzzjonali adegwata. Tiżgura li l-proċess lejn il-kisba ta' dan ikun immexxi mill-Ministeru tal-Finanzi fi rwol ta' koordinazzjoni u armonizzazzjoni.

– Issaħħaħ aktar il-kapaċità operattiva u funzjonali kif ukoll l-indipendenza finanzjarja ta' l-Uffiċċju Statali tal-Verifika.

– Tiżviluppa proċeduri u kapaċità amministrattiva sabiex tiżgura protezzjoni effettiva ta' l-interessi finanzjarji tal-KE.

4. PROGRAMMAR

L-assistenza Komunitarja lill-Paajiżi Balkani tal-Punent taħt il-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni se tkun provduta permezz ta' l-istrumenti finanzjarji eżistenti, partikolarment ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2666/2000[3]. Għaldaqstant, din id-Deċiżjoni ma jkollha l-ebda implikazzjoni finanzjarja. L-ex-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja jista' jkollha aċċess għal finanzjament minn programmi multi-nazzjonali u orizzontali.

5. KUNDIZZJONALITÀ

L-assistenza Komunitarja taħt il-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni lill-Pajjiżi Balkani tal-Punent hi bil-kundizzjoni ta' aktar progress fil-konformità mal-Kriterji ta' Copenhagen kif ukoll progress fit-twettiq ta' prijoritajiet speċifiċi ta' din is-Sħubija Ewropea. In-nuqqas tar-rispett ta' dawn il-kundizzjonijiet jista' jwassal lill-Kunsill sabiex jieħu miżuri xierqa fuq il-bażi ta' artiklu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2666/2000[4] L-assistenza Komunitarja għandha tkun ukoll suġġetta għall-kundizzjonijiet definiti mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu tad-29 t'April 1997 u l-21 u t-22 ta' Ġunju ta' l-1999, partikolarment f'dak li jirrigwarda l-impenn tal-benefiċjarji li jwettqu riformi demokratiċi, ekonomiċi u istituzzjonali."

---

[3] ĠU L 306, 7.12.2000, p.2415 kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2001/1, ĠU L 327, 12.12.2001, p. 3.

[4] L-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2666/2000:
"1. Ir-rispett għall-prinċipji tad-demokrazija u tmexxija skond il-liġi u għad-drittijiet umani u tal-minoranzi u libertajiet fundamentali hu element essenzjali għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u prekondizzjoni ta' eliġibilità għall-assistenza Komunitarja. Jekk dawn il-prinċipji ma jkunux rispettati, il-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq maġġoranza kwalifikata bi proposta mill-Kummissjoni, jista' jieħu l-miżuri xierqa.
2. L-assistenza Komunitarja għandha tkun ukoll suġġetta għall-kundizzjonijiet definiti mill-Kunsill fil-Konklużjonijiet tiegħu tad-29 t'April 1997, partikolarment f'dak li jirrigwarda l-impenn tal-benefiċjarji li jwettqu riformi demokratiċi, ekonomiċi u istituzzjonali."

6. SORVELJANZA

L-implimentazzjoni tas-Sħubija Ewropea se tkun sorveljata permezz tal-mekkaniżmi stabbiliti bil-Proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni, l-aktar ir-rapporti annwali ppreżentati mill-Kummissjoni.